MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 341/2012

**Appell Nru. 341/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**George Azzopardi**

**Illum 14 ta’ Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 174763 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-23 ta’ Mejju, 2007 fil-Mosta, f’xi hin bejn l-erba ta’ wara nofs inhar u s-seba` ta’ filghaxija ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Ernest Muscat skond ma certifikah Dr. Matthew Cassar MD REg. No. 2933 (Ch 9 Section 216);
U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lil Ernest Muscat u lil Anna Theresa Muscat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 221(1) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati li kkawza feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ernest Muscat u li hedded il-konjugi Muscat u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u rabtet lill-appellant biex ma kellimx jew jimmolesta l-familja Muscat taht penali ta' elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Gunju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena u fin-nuqqas tirriforma s-sentenza appellata ghal wahda inqas oneruza fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi kontrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti kienu l-istess kwerelanti li pprovokaw dan l-incident u kien l-istess kwerelant Ernest Muscat li ta l-ewwel daqqa ta' ponn fuq l-appellant li dan ddefenda ruhu b'daqqa lura u safa huwa stess aggredit mill-kwerelanti mart Ernest Muscat u cioe` Anna theresa Muscat u li ghalhekk il-Qorti kellha fic-cirkostanzi tillibera lill-istess appellanti li huwa kien qed f'leggittima difesa ;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-appellanti kkommetta ferita hafifa taht provokazzjoni car u manifesta u anke hawn jekk l-ewwel aggravju ma jissodisfax din il-Qorti ghandha ghalhekk taccetta dan l-aggravju;
3. Illi mil-provi l-Qorti kellha aktar tistrieh fuq ix-xhieda tal-appellant u martu fejn minn imkien ma jirrizulta theddid imma kienu l-istess kwerelanti li heddew lill-istess

appellant fejn gie indirizzat bi kliem mill-aktar baxx mill-kwerelanti Muscat;
4. Illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta qalet li x-xhieda tal-kwerelanti Muscat kienet aktar kredibbli minn dik tal-appellanti tenut kont li mart il-kwerelant Muscat ma ammettietx li hadet sehem fil-glieda meta l-Qorti qablet li hadet sehem u meta l-Qorti ghal xi raguni mhux spegabbli ma ghamlet l-ebda referenza ghax-xhieda ta' mart l-appellant Pauline Azzopardi meta din kienet xhud okulari b'mod immedjat;
5. Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji hawn fuq indikati, l-Qorti kellha tillibera lill-appellant zgur mill-ewwel akkuza tenut kont li huwa ma nstabx hati li kkommetta ferita gravi fuq il-persuna ta' Muscat u dan kif jirrizulta mill-istess xhieda tal-konsulent Mr. Anthony Grixti Soler;
6. Salv aggravji ohra.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u Ernest Muscat huma girien b'relazzjoni ta' vicinat hazina hafna. Jidher ili l-qofol ta' l-inkwiet huwa n-nuqqas ta' sensivita u arroganza da parti ta' Ernest Muscat u l-mara tieghu meta dawn b'mod irresponsabli jipparkjaw il-vetturi taghhom ezatt mal-koxxa tax-xatba minn fejn trid tohrog karozza tal-familja Azzopardi b'tali mod illi dawn ma jkunux jistghu jaraw it-triq u b'sapzju ta' manuvrar ristrett hafna.

Fit-23 ta' Mejju, 2007 wara nofs inhar mart l-appellant giet biex tohrog il-karozza taghha mid-drive in li jaghti ghall-garaxx. Kien hemm van tal-parti leza Ernest Muscat iparkjat ezatt mal-koxxa tax-xatba b'talimod ili mart l-appellat ma setghetx tara t-triq, harget bil-mod u ezatt kif harget tfacca bowser qudduqiemha li kellu jitla l-bankina sabiex jevita illi jidhol fiha. Mart l-appellant irrabjat ghal din is-sitwazzjoni u cemplet lill-pulizija sabiex ikellmu lil Muscat u jresaq il-vann mill-pozizzjoni fejn kien, izda l-pulizija ma kkoperawx u ma hassewx il-bzonn li jmorru fuq il-post. Meta l-appellant gie lura mix-xoghol sab il-van li ghadu fl-istess pozizzjoni u mar ikellem lill-kwerelant Ernest Muscat u meta habbat il-bieb harget mart l-istess Muscat u b'ton arrogani u supperv qalet li l-van ma kienx

ser jitnehha u ser jibqa hemm. L-appellant stenna sakemm jigi r-ragel taghha, sadanittant l-appellant hareg il-kelb fl-intorni u wara xi ghaxar minuti gie Ernest Muscat u l-appellant mar ikellmu quddiem id-dar tieghu fejn qallu biex inehhi l-van ipparkjat peress li kien qieghed jikkawza nkonvinjent ghall-familja tieghu.

Bl-istess ton ta' arroganza u suppervja Ernest Muscat wiegeb lill-appellant li minn nahha tieghu rreagixxa bl-istess mod. L-appellant jghid illi huwa qala' l-ewwel daqqa minn ghand Ernest Muscat u rritalja, waqt li Ernest Muscat qal illi l-appellant attakkah bid-daqqiet ta' ponn, tas-sieq u anki bil-katina tal-kelb illi kellu f'idejh. Mir-ritratti ta' Ernest Muscat fuq dahru jidhru strixxi ta' daqqiet li huma kompatibli ma din id-daqqa ta' katina. Skont l-ewwel certifikat mahrug dakinhar stess fit-8:00 ta' filghaxija (fol 24), Ernest Muscat kellu nefha kbira f'imniehru, li kien imbengel u milwi lejn il-lemin, kellu wkoll qasma zghira fl-imnieher kif ukoll demm hiereg miz-zewg imnifsejnm, kellu wgieh qawwi fin-nahha t-isfel ta' dahru u girfa n-nahha tax-xellug. In-natura tal-griehi giet deskritta bhala mhux stabbilita u possibilment gravi.

Dr. Matthew Cassar illi ezamina lil Ernest Muscat dakinhar stess ta' l-incident ghal habta tal-11:00 (fol 46), xehed illi Muscat kellu ksur ta' l-ghadam ta' l-imnieher illi kien mghaweg lejn il-lemin u kellu wkoll ferita fuq in-nahha tal-lemin taht halqu, kellu wkoll feriti tnejn minn nahha ta' gewwa ta' xuftejh wahda ix-xoffa ta' fuq u l-ohra x-xoffa ta' isfel, dejjem minn nahha ta' gewwa, kien hemm ukoll tbengil u nefha ta' l-imnieher. Muscat kellu bzonn intervent kurirgiku sabiex jitranga l-ksur illi kellu fl-imnieher, t-tabib iddeskriva dawn il-feriti bhala gravi. Din id-deskrizzjoni giet konfermata minn Mr. Anthony Grixti Soler il-Konsulent ta' l-ENT ta' l-isptar Mater Dei fejn dan ikkonferma illi Ernest Muscat kellu frattura fl-imnieher u gie operat fil-31 ta' Mejju, 2007 sabiex il-frattura tigi ridotta u waqt l-operazzjoni l-Konsulent Grixti Soller innota illi Muscat kellu l-qarquca mghawga u seta' jkollu bzonn operazzjoni ohra biex tigi drittata l-qarquca. Il-Konsulent Grixti Soler qal illi medikament il-ferita ma kienetx daqshekk serja u setghet tistabilixxi ruhha fi zmien tliet

gimghat. Minn nahha l-ohra l-appellant me kellux feriti x'jigu riskontrati.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm medikament il-feriti illi sofra Ernest Muscat setghu ma kienux daqshekk serji, mill-att legali peress illi kien hemm ksur ta' l-ghadam fil-wicc il-feriti ghadhom jitqiesu bhala gravi. Izda l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati li kkawza feriti ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwardja l-meritu l-appellant qieghed jistieden lill-din il-Qorti sabiex tikkonsidra l-attenwanti tal-provokazzjoni ghall-agressjoni illi l-appellant wettaq fuq il-parti leza Ernest Muscat. L-appellant qieghed jargumenta illi l-fatt li Muscat pogga l-karozza tieghu daqshekk vicin il-garaxx tieghu b'mod illi dan ta' l-ahhar kien se jsibha difficli hafna sabiex johrog il-vettura minn gol-garaxx b'nuqqas ta' vizwali ghat-triq, kienet provokazzjoni bizzejjed sabiex l-appellant tpoggih f'dik ir-rabja illi kkonfronta lil Ernest Muscat.

Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u ma tistax tigi kkunsidrata l-attenwanti tal-provokazzjoni peress illi l-appellant hasibha mhux hazin qabel ma mar ikellem lill-Ernest Muscat, ghadda hafna hin minn meta cemplitlu l-mara u ma setax juza l-vjolenza sabiex iwassal l-argument tieghu lill-Muscat. Huwa veru illi Ernest Muscat u martu wrew nuqqas ta' sensivita, empatija u b'egoizmu kbir u b'nuqqas ta' rispett lejn il-girien, ipparkjaw il-vettura taghhom b'mod illi l-familja ta' l-appellant kienu se jsibuha difficli biex johrogu mill-garage. Veru illi l-vettura ta' Muscat kienet ipparkjata fit-triq b'mod legali u mhux ezatt quddiem il-garaxx, pero' ezatt mal-koxxa tax-xatba b'tali mod illi l-vettura tkun tista tohrg biss kexxun mill-garaxx. Kienet din is-sitwazzjoni li gustament irrabjat lill-appellant u lil martu. Din ta' l-ahhar irrokorriet ghall-pulizija sabiex jghinhuwa f'din is-sitwazzjoni u jintervjenu ma Muscat halli dawn icaqalqu l-van minn fejn kienet. Il-pulizija pero'

haslu idejhom minn din il-vicenda u dehrilhom illi s-sitwazzjoni ma kienetx daqshekk gravi illi huma jmorru fuq il-post. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma ticcensurax dan l-agir, il-pulizija qeghdin hemmhekk fost affarijiet ohra, biex izommu l-paci u l-ordni u mehud inkonsiderazzjoni l-attrit illi kien hemm bejn il-familji kienet tkun decizjoni ghaqlija minn nahha taghhom illi jmorru fuq il-post, jaraw il-problema x’inhi u jordnaw, jekk hemm bzonn, lil Muscat icaqlaq il-van. Meta l-appellant ra illi ma sabx widen mill-pulizija ddecieda illi jiehu l-Ligi b’idejh u hawnhekk l-appellant zbalja meta mar fil-parapett ta’ Muscat u f’atmosfera ta’ kliem hazin, thedid u dagha nfexx fi volenza li spiccat ikkawzat lill-Muscat feriti gravi. L-appellant kellu zmien bizzejjed sabiex jikkonsidra s-sitwazzjoni u jerga, jekk hemm bzonn, jirrikorri ghand il-pulizija sabiex dan jikkonvincihom jersqu fuq il-post u jsolvu l-problema, izda ma ghamel xejn minn dan u volontarjament ikkomprometta lilu nnifsu meta kkonfronta lil Ernest Muscat b’mod agressiv u vjolenti li naturalment gab reazzjoni simili min Muscat, spiccat fi glieda fejn Muscat sofra griehi deskritti. F’cirkostanzi bhall dawn l-appellant ma jistax jibenefika mill-attenwanti tal-provokazzjoni meta kien hu stess illi mar jipprovoka din l-agressjoni. L-Ewwel Qorti filwaqt illi kkunsidrat li l-verzjonijit li taw il-partijiet huma differenti dehrilha li l-verzjoni ta’ Ernest Muscat kienet aktar kredibli, dana ‘l ghaliex mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-Qorti f’kaz ta’ konflitt ta’ provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji ennuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzjoni dwar lill min trid temmen u fiex ser temmnu jew ma temmnux (Il-Pulizija vs Joseph Thorn, appell kriminali 9 ta’ Lulju, 2003). L-Ewwel Qorti kellha kull dritt illi ssegwi l-linji gwida kif esposti fl-Artiklu 637 fuq imsemmi u tasal ghall-konkluzjoni illi kellha iktar temmen lil Ernest Muscat milli l-appellant.

Wara li din il-Qorti ezaminat il-provi jidhrilha illi l-Ewwel Qorti abbazi ta’ dawn il-provi mresqha quddiema setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha hlief ghall-klassifikar tal-feriti illi legalment kellhom jitqiesu bhala gravi. Mill-bqija l-Qorti ma tarax illi

ghandha tiddisturba l-konkluzjoni maghmulha mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tichad l-appell fejn gie mitlub l-annullament u r-revoka tas-Sentenza izda tilqaghha fejn intalbet riforma u tirriforma s-Sentenza ta' l-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn sabet htija fl-appellant u l-garanzija nflitta u tirriformaha fejn ikklassifikat il-feriti li garrab Ernest Muscat bhala ta' natura hafifa u minflok issib lill-appellant hati li kkawza ferita ta' natura gravi fil-kuntest ta' l-Artiklu 216 (1) (b) tal-Kap 9 u minflok il-multa tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ta' 6 xhur b'dana pero' bl-applikazzjoni ta' l-Artiklu 28A tal-Kap 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghall-zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------